**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 9 ta’ Settembru, 2002**

**Appell Nru 86/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bartolo talli fit-20 ta’ Ottubru, 2001 ghal habta tas-2.15pm fin-Naxxar --

**(1)** saq vettura mhux fuq in-naha tax-xellug tat-triq;
**(2)** talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer jibdel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vetturi ohra;
**(3)** talli saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata; u
**(4)** talli saq l-imsemmija vettura b’majiera perikoluza;

il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Joseph Bartolo jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal periodu ta’ mhux anqas minn tlett xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Bartolo mhux hati skond it-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, izda sabitu hati skond l-ewwel, t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50) u skwalifikatu ghal tlett xhur [mill-licenzji tieghu tas-sewqan];

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Bartolo, minnu prezentat fit-30 ta’ April, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Jigi rilevat, qabel xejn, li fl-udjenza tad-29 ta’ Lulju, 2002, l-appellant, permezz ta’ l-abbili difensur tieghu l-Avukat Dott. Ian Farrugia,

irtira l-ewwel aggravju tieghu u cioe` l-aggravju li l-azzjoni ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni kienet preskritta.

Dan l-appell -- u tista' tghid il-kawza kollha -- jirrigwarda manuvra ta' sorpass maghmula mill-appellant. L-appellant ried jissorpassa u jwaqqaf lil certu Adrian Bonavia (li kien qed isuq vettura nru. KBD818) ghax deherlu li dan Bonavia kien responsabbli ghall-habta li ibnu kien ghadu kif kellu ftit sekondi qabel ma' vettura ohra. Kif l-appellant kien qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass, giet vettura, misjuqa minn Romilda Sammut, fil-karreggjata opposta (u ghalhekk fid-direzzjoni opposta) u l-vettura ta' l-appellant habtet ma' dik ta' Sammut.

L-appellant jikkontendi li kien Bonavia li kkaguna l-kollizjoni bejn il-vettura tieghu (cioe` ta' Bartolo) u ta' Sammut, u dan ghax fil-mument tas-sorpass Bonavia gibed il-vettura lejn il-lemin b'mod li tefa' lill-appellant gol-karozza ta' Sammut. Fir-rapport li sar lill-Pulizija jinghad (ara fol. 7 ta' l-atti) li addirittura Bonavia habat mal-vettura ta' Bartolo (fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-appellant semplicement qal li Bonavia beda jrossu ftit ftit lejn in-nofs tat-triq). Effettivament l-ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kaz jghid li veru kien hemm ghafsa fuq il-*mudguard* tan-naha tax-xellug tal-vettura ta' Bartolo; pero` meta ftit hin wara spezzjona l-vettura ta' Bonavia, ma sab ebda marka, brix jew sinjal iehor li kien b'xi mod jista' jikkorrispondi ma' dik il-ghafsa. Bonavia jichad li hu b'xi mod rass jew ghafas fuq il-lemin tieghu waqt li Bartolo kien qed jipprova jaqbzu.

Issa, hi regola elementari tas-sewqan (riflessa fit-tieni parti tar-regolament 75 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur) li meta persuna tigi biex tissorpassa, bil-vettura taghha, vettura ohra sejra fl-istess direzzjoni, is-sewwieq li qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass ghandu jiehu l-prekawzjonijiet <u>kollha</u> mehtiega sabiex jassigura li tali manuvra <u>mill-bidu sa l-ahhar taghha</u> ma tkunx ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll – u aktar – ghal vetturi ohra, specjalment vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Ghalhekk, qabel ma jibda tali manuvra is-sewwieq sorpassant ghandu qabel xejn jassigura li t-triq hija libera ghal distanza bizzejjed kemm quddiemu kif ukoll warajh; u <u>l-manuvra ghandha tkun wahda rapida, jigifieri li ma tinvolvix li l-vettura li tkun qed taghmel il-manuvra ta' sorpass tispicca ghal xi hin miexja pari passu mal-vettura li qed tigi sorpassata</u>. Huwa hawnhekk li l-appellant jidher li naqas serjament, ghax, kif xehed quddiem din il-Qorti, meta huwa gie biswit il-vettura ta' Bonavia, ghamel xi ftit hin, anke jekk biss sekondi, miexi ma genbu jaghmillu sinjal biex jieqaf. Anke jekk wiehed kellu jghid, ghall-grazzja ta' l-argument (u ghall-grazzja ta' l-argument biss), li Bonavia f'xi hin gibed xi ftit lejn il-lemin, in-nuqqas ta' rapidita` fis-sorpass kienet <u>cirkostanza determinanti</u> ghall-kollizjoni li sehhet. Kif jinghad fil-*Highway Code*: *"Once you have started to overtake, move quickly past the vehicle you are overtaking and leave it plenty of room"*[1]. Ghalhekk l-appellant ma jistax jghid li hu ma kienx responsabbli ghal din il-kollizjoni – jista' biss, se

[1] HMSO (1978), para. 80.

mai, jghid li kien hemm xi haddiehor li wkoll ikkontribwixxa ghaliha. Ghalhekk l-aggravju principali ta' l-appellant qed jigi respint.

L-appellant jilmenta li s-sewqan tieghu kien, fi kwalunkwe kaz, mhux sewqan perikoluz imma biss, se mai, sewqan traskurat. Din il-Qorti ma taqbilx. Manuvra ta' sorpass maghmula skorrettement u li tirrizulta f'kollizjoni ma' vettura gejja mid-direzzjoni opposta, tikkwalifika certament bhala sewqan perikoluz.

Kwantu ghall-piena inflitta, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal periodu ta' tlett xhur hija il-minimu li setghet timponi l-ewwel qorti skond il-ligi (Art. 15(2) tal-Kap. 65). Ghalhekk ma hemmx lok ta' varjazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' l-iskwalifika jibda minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Assistent Registratur